

Brussell, 8 ta' Settembru 2023
(OR. en)

12649/23

LIMITE

ENV 960

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	L-intenzjoni tal-Kummissjoni li tibda diskussjonijiet biex tissieħeb, f'isem l-UE, mad-Dikjarazzjoni Ministerjali Konġunta tal-Koalizzjoni ta' Ambizzjoni Għolja biex Jintemm it-Tniġġis mill-Plastik - Awtorizzazzjoni biex jiġi nnegozjat Strument Mhux Vinkolanti (NBI)

1. Fl-14 ta' Novembru 2022, l-UE ngħaqdet mal-Koalizzjoni ta' Ambizzjoni Għolja biex Jintemm it-Tniġġis mill-Plastik (HAC), immedija min-Norveġja u r-Rwanda f'Awwissu 2022, b'appoġġ għan-negozjati intergovernattivi b'mandat mir-Riżoluzzjoni 5/14 tal-Assemblea tan-NU għall-Ambjent (UNEA) dwar strument internazzjonali legalment vinkolanti biex jintemm it-tniġġis mill-plastik. In-negozjati jsiru f'Kumitat Intergovernattiv ta' Negozjar (INC), li beda l-ħidma tiegħu f'Novembru 2022.
2. Għat-tielet sessjoni tal-Kumitat ta' Negozjar, li ser issir mit-13 sad-19 ta' Novembru 2023 f'Nairobi, il-Kenja (INC-3), l-HAC biħsiebha toħroġ Dikjarazzjoni Ministerjali Konġunta li tikkonferma l-ambizzjoni tagħha li jinkiseb strument internazzjonali legalment vinkolanti effettiv u komprensiv.¹

¹ Dikjarazzjoni simili kienet diġà saret fit-tieni sessjoni ta' negozjati (INC-2, mid-29 ta' Mejju sat-2 ta' Ġunju 2023, f'Pariġi). Dak iż-żmien, il-Kummissjoni ngħaqdet mad-dikjarazzjoni f'isem l-UE wara t-tlestija tal-proċedura għal strumenti mhux vinkolanti (NBI).

3. Fit-2 ta' Awwissu 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill nota ta' informazzjoni fejn uriet l-intenzjoni tagħha li tibda diskussjonijiet biex tingħaqad, fisem l-UE, mad-Dikjarazzjoni Ministerjali Konġunta tal-Koalizzjoni ta' Ambizzjoni Għolja biex Jintemm it-Tniġġis mill-Plastik għal INC-3. In-nota għet iċċirkolata bħala d-dokument 12292/23.
4. F'konformità mal-Arranġamenti għal Strumenti Mhux Vinkolanti maqbula mill-Kunsill, il-Kummissjoni u s-SEAE f'Diċembru 2017, id-Dikjarazzjoni Ministerjali Konġunta tal-HAC għall-INC-3 għandha titqies bħala strument mhux vinkolanti li fih impenji politiċi².
5. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Ambjentali Internazzjonali (Globali) qabel dwar in-nota tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq permezz ta' proċedura ta' silenzju informali fl-1 ta' Settembru 2023. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Ambjentali eżamina n-nota fis-6 ta' Settembru 2023 u qabel mal-intenzjoni tal-Kummissjoni li tibda diskussjonijiet biex tingħaqad, fisem l-UE, mad-Dikjarazzjoni Ministerjali Konġunta tal-Koalizzjoni ta' Ambizzjoni Għolja biex Jintemm it-Tniġġis mill-Plastik għal INC-3.
6. Konsegwentement, u soġġett għal konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill huwa mistieden japprova l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tiftaħ diskussjonijiet biex tingħaqad, fisem l-UE, mad-Dikjarazzjoni Ministerjali Konġunta tal-Koalizzjoni ta' Ambizzjoni Għolja biex Jintemm it-Tniġġis mill-Plastik għall-INC-3, kif tinsab fid-dokument 12292/23.

² Arranġamenti bejn il-Kunsill, il-Kummissjoni u s-SEAE dwar strumenti mhux vinkolanti, kif jinsabu fid-dokument 15367/17.